# ECHA-*term*

## It-terminoloġija tar-regolamenti REACH u CLP u tar-regolament dwar il-bijoċidi issa tinsab disponibbli fuq l-internet fi 23 lingwa

http://echa-term.echa.europa.eu

***Meta tuża t-terminoloġija tar-regolamenti REACH u CLP u tar-regolament dwar il-bijoċidi f'żewġ lingwi tal-UE jew iżjed, jew kemm-il darba għandek interess fid-definizzjonijiet tat-termini, id-dejtabejż terminoloġika tal-ECHA hija riżorsa siewja għalik***

## X'inhija ECHA-term?

Id-dejtabejż hija sors multilingwi ta' terminoloġija affidabbli, koerenti u aġġornata fil-qasam tal-kimika. Din għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tat-traduzzjonijiet u ssaħħaħ il-komunikazzjoni ċara.




## X'fiha ECHA-term?

L-entrati jinkludu varjetà ta' oqsma, bħal definizzjonijiet, noti, kuntesti, termini relatati, dokumenti u informazzjoni rilevanti oħra.

Id-dejtabejż hija maħsuba għall-ħtiġijiet ta' diversi utenti: **partijiet interessati fir-regolamenti REACH** u **CLP, fr-regolament dwar il-bijoċidi awtoritajiet nazzjonali, tradutturi, interpreti, il-pubbliku inġenerali** u **l-ECHA**.

## Bil-lingwa tiegħek

ECHA-term tkopri terminoloġija fi 23 lingwa tal-UE: Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Isvediż.

## Sorsi terminoloġiċi

- Ir-Regolament REACH
- Ir-Regolament CLP (termini u dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni)
- Ir-Regolament dwar il-Bijoċidi
- Id-dokumenti ta' gwida tal-ECHA (termini u deskritturi)
- Pittogrammi ta' periklu tas-CLP
- Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna




Entrata sħiħa: terminu b'definizzjoni, kuntest, referenza, nota, akronimu, valur tal-affidabilità u data tal-ħolqien.
Huwa possibbli wkoll li ssir navigazzjoni multilingwi.




Traduzzjoni ta' terminu

## Funzjonalitajiet

- Faċilità ta' tiftix f'lingwa waħda jew iżjed
- Il-possibilità avvanzata li tqalleb skont l-ordni alfabetika
- Tiftixa avvanzata (bin-numru KE, in-numru CAS u l-kodiċi GHS, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni)
- Il-possibilità li tibdel il-lingwa tal-interfaċċa
- Termini relatati, antonimi u iżjed
- Il-possibbiltà li jintbagħtu kummenti u suġġerimenti dwar termini eżistenti
- Esportazzjoni avvanzata fl-Excel jew fit-TBX
- Avviżi b'aħbarijiet u arkivju tal-aħbarijiet

# ECHA-*term*

**Għas-servizz tiegħek fi 23 lingwa!**

ECHA-13-L-06.01-MT